SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 09/K10/24

Data tal-laqgħa: 10 ta' Diċembru 2024

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Mario Amaira – Kunsillier
Victor Vella – Kunsilliera
Patricia Camilleri – Kunsilliera
Carlo Mifsud - Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Gabriel Borg Ferrando – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (2)**

Sean Gauci - Viċi Sindku
David Caruana - Kunsillier

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Malcolm Agius Muscat– Aġent Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Assistant Prinċipal

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**09.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

09.1.01 Il-Viċi Sindku Sean Gauci u l-Kunsillier David Caruana talbu li jiġu skużati għal-laqgħa. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**09.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

09.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 07/K10/24

09.2.02 Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando 07.3.26 tiġi rranġata l-kelma spjegazzjoni. Il-Kunsillier 07.4.02 kjarifika li mhux li ssir l-ikla iżda li jassisti lill-Kappillan f'din l-ikla.

09.2.03 Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

09.2.04 Il-Kunsillier Carlo Mifsud ssekondah fl-approvazzjoni.

09.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

09.2.06 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 08/K10/24

09.2.07 Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando l-approvazzjoni tagħhom.

09.2.08 Il-Kunsillier Carlo Mifsud ssekondah fl-approvazzjoni.

09.2.09 Il-Kunsill qabel unanimament

**09.3 Kommunizzjoni miċ-Ċermen**

Iċ-Ċermen tkellem dwar:

09.3.01 Bye Law Ħamiem – Iċ-Ċermen spjega li l-bye law ntbagħtet lill-Kunsilliera u rrispondew l-Kunsilliera Carlo Mifsud u David Caruana. Huma talbu li għandhom jitniżżlu kull tip ta' ħamiem u mhux 'wild pigoens' kif hija mniżżla f'din il-bye law. Il-Kunsillier David Caruana ġibed l-attenzjoni dwar l-ammont taċ-ċitazzjoni. Dan l-ammont ser jibqa' l-istess filwaqt li għandu jiżdied l-kliem 'in their premises'. Il-Kunsill qabel ma' dawn l-emendi.

09.3.02 Saret laqgħa mas-Supritendent ta' San Ġiljan fejn ġie diskuss il-Christmas Village li ser issir. Ser tkun qed issir laqgħa oħra mas-Supritendent sabiex jiġu diskussi l-materji l-oħra pendenti.

09.3.03 Ġnien Spinola – Iċ-Ċermen kellu jġib l-istimi però wara laqgħa li hu kellu mas-Sur Dennis Vella, CEO tal-TZRA, ġie deċiż li għandu jinstab designer min-naħa tal-TZRA u jingabu l-istimi.

09.3.04 Fir-rigward Kumpless Dun Anton Sciberras, iċ-Ċermen informa lill-Kunsilliera li l-Kunsill rċieva risposta mingħand l-avukat tal-Kunsill fejn kjarifika li nistgħu naħdmu fuq Private Public Partnership jew inkella l-Kunsill jaħdem mal-Awtorita tal-Artijiet. Għalhekk din il-materja għandha terġa tiġi diskussa waqt laqgħa nformali li għandha tiġi organizzata aktar tard.

09.3.05 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsilliera li x-xogħol fil-Ġnien Saver Zarb miexi.

09.3.06 Dwar Skema Finanzjarja tal-attivitajiet kulturali, ċ-Ċermen ippropona li l-Kunsill jorganizza kunċert fil-Knisja Parrokkjali San Giljan u li fih jieħu sehem is-St. Julians Choral Group. Dan għandu jsir f'Marzu 2025 u l-Kunsill qabel unanimament.

09.3.07 Dwar l-Bye Law tal-awrina tal-klieb, il-Kunsilliera qablu mad-draft tal-bye-law li rcivejna mingħand l-avukat. Ser jibqa' kollox l-istess ħlief fuq l-multi, jiġifieri €25 jekk persuna tikser id-dispożizzjonijiet tar-regolament 3 u €50 jekk persuna jikser id-dispożizzjonijiet tar-regolament 4.

09.3.08 Il-Kunsilliera ġew nfurmati li l-kaxxa ta' Xummiemu li ġiet diskussa waqt il-laqgħa preċedenti tpoġġiet fi Triq San Ġorġ ħdejn il-Ġnien Spinola.

09.3.09 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsilliera li t-talba għall-ġemellaġġ ma' Ċina ma ġietx aċċettata.

09.3.10 Ġiet għal-attenzjoni tal-Kunsill il-Bye Law dwar in-naħal u l-Kunsill qabel.

09.3.11 Fil-laqgħa tas-Sindki li saret ġewwa Għawdex ġie diskuss il-Kunsill tat-tfal. Rigward San Giljan l-ewwel laqgħa ser issir fit-22 ta' Jannar u bħala Kunsill għandha titela fuq Facebook biex ikunu jistgħu japplikaw t-tfal u l-mentors.

09.3.12 Dwar il-ħarġa kulturali saret il-bieraħ it-Tnejn 9 ta' Diċembru 2024, il-Kunsilliera gew nfurmati li din kienet suċċess.

09.3.13 Is-Sotto Kumitat tal-attività tal-Milied nforma li kollox ippjanat għall-attività tal-Ħadd 15 ta' Diċembru 2024.

09.3.14 Iċ-Ċermen ressaq il-proposta dwar is-saħħa mentali. Din ser tkun qed issir ma' Richmond Foundation. Il-Kunsill ser ikun qiegħed jħallas €160 fix-xahar għal perjodu ta' tlett xhur.

09.3.15 Dwar il-proposta ta' Brussels, il-Kunsill ser ikun qed jiċċekkja jekk l-Aġent Segretarju Eżekuttiv hux tila mal-Kunsill tal-Floriana. Jekk jsir hekk l-Assistant Prinċipal Cher Carmen Fenech titla minflok l-Aġent Segretarju.

09.3.16 Fir-rigward il-proposta li ntbagħtet mill-Kunsilliera Patricia Camilleri rigward transport intern biex tfal jitwasslu sal-iskola, l-Kunsill ta' l-awtorità' lil-istess kunsilliera biex naraw x'jista' jsir fuqha.

09.3.17 Iċ-Ċermen ressaq proposta mingħand il-Kunsillier Carlo Mifsud dwar *charity swim* li ser tkun qed issir fid-29 ta' Diċembru 2024. Il-Kunsill ser ikun qed iħallas l-ambulanza u għandha niċċekkjaw jekk din taqax taht l-assigurazzjoni tal-Kunsill sabiex filkas nkunu nistgħu nużaw din l-assigurazzjoni.

09.3.18 Fir-rigward il-proposta mressqa mill-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando rigward ir-residents groups, ġie deċiż li jibdew isiru *area meetings*.

09.3.19 Dwar il-korrispondenza mingħand il-Kunsillier David Caruana dwar l-art msemmija biex jsir gym f'dan il-ġnien, ġie nnotat li biex isir gym f'dan il-ġnien m'hemm bżonn l-ebda permess. Jekk dan il-gym jista' jsir inridu nintrabtu li l-Kunsill ma jidħol fl-ebda spiża.

09.3.20 Iċ-Ċermen ressaq it-talba sabiex jiġi proġettat il-kliem 'Island' fejn il-monument tal-LOVE, l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

09.3.21 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsilliera li fit-18 ta' Diċembru 2024 ser issir laqgħa mac-CEO tal-Infrastructure Malta is-Sur Steve Ellul ġewwa l-uffiċini ta Infrastructure Malta. Għandha tintbagħat *calendar invite*.

09.3.22 Dwar il-korrispondenza mingħand l-Focus Group ġie deċiż li dan il-kuntratt jiġi ffirmat għal-sena u s-Sindku sa' laqgħa oħra għandu jġib iktar informazzjoni dwar x'gara s'issa fuq l-applikazzjonijiet li saru.

09.3.23 Fir-rigward it-talba ghal-truck tal-ikel ġie deċiż li dan għandu jiġi nfurmat li jrid jimxi mal-proċedura n-normali u li din il-materja ma taqax taht ir-responsabiltà tal-Kunsill Lokali.

09.3.24 Dwar it-talba għal-kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali, ġie deċiż li din il-korrispondenza tintbagħat għal-attenzjoni tas-sur Martin

Sultana. F'każ li s-Sur Sultana ma jkunx interessat il-Kunsill għandu jsejjaħ laqgħa mal-kumpanija konċernata.

09.3.25 Iċ-Ċermen ressaq it-talba li l-Kunsill rċieva sabiex tiġi installata '*Arcade Machine'.* Il-persuna konċernata għandu jiġi nfurmat li peress li din ser tkun fissa għandu japplika mad-Dipartiment tal-Artijiet.

09.3.26 Dwar it-talba għal kumpens li l-Kunsill rċieva rigward ħsara f'karozza, ġie deċiż li din terga tiġi diskussa wara li l-Kunsill jirċievi risposta mingħand l-avukat tal-Kunsill.

09.3.27 Dwar it-talba mingħand is-Socjeta Mużikali Spinola, ġie deċiż li l-ammont ma jistax jizdied.

09.3.28 Ġie deċiż li t-triq li tagħti għal Triq Santu Wistin tiġi proposta l-isem 'Triq is-Serduqa'

09.3.29 Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għat-talba ta' impjegata tal-Kunsill li ma tibqax taħdem is-Sibtijiet.

09.3.30 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li fir-rigward il-korrispondenza dwar il-proġett li ser issir fil-qalba ta' San Giljan, għandu jiġi ċċekkjat in-numru tal-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar.

09.3.31 Iċ-Ċermen ressaq proposta sabiex jsiru riklami fuq ir-radio għaż-żminijiet tal-Milied, u wara diskussjoni ġie deċiż li l-Kunsill mhux interessat li japplika.

09.3.32 Fir-rigward l-korrispondenza Rigal b'imħabba, ġie deċiż li l-Kunsill jieħu sehem f'din l-attività u tintuza s-siġra tal-Milied li hemm armata fil-Mercury.

09.3.33 Dwar il-korrispondenza fuq il-hajt li jinsab fi Triq Furtu Selvatico, ġie deċiż li għandha tinkiteb ittra lill-Awtorità tal-Ippjanar.

09.3.34 Wara ittra li l-Kunsill rcieva minghand is-Sur Natal Falzon biex San Patriziju tigi ccelebrata l-Hadd minflokk it-Tnejn minhabba li s-17 ta' Marzu ser jigi t-Tnejn, unanimament gie deciz li l-Kunsill jzomm id-dritt li ma joħroġlux il-permess peress li mhux ha tkun qed issir fil-ġurnata ta' San Patrizju.

09.3.35 B'riferenza għal-korrispondenza li dwar ir-ritratti tat-tiżjin tal-Milied fil-lokalita ta' San Giljan, il-Kunsill ġie nfurmat li ser jintbagħatu r-ritratti sabiex dawn ikunu ppublikati fuq Facebook tad-Dipartiment tal-Informazzjoni.

09.3.36 Dwar il-korrispondenza mingħand il-Project Green, ġie deċiż li din għandha tintbagħat lill-kunsilliera biex jibgħatu l-kummenti tagħhom fuq din l-email.

09.3.37 Fir-rigward il-proposta tal-Viċi Sindku Sean Gauci rigward Open-gym fi Spinola Park, ġie deċiż li l-Kunsill għandu jara li dan il-gym isir post ieħor peress li fil-ġnien ser issir xi tibdil u għandha ma nafux x'ser tkun il-pjanta tad-designer.

**09.4 Attivitajiet tal-Milied u Kulturali;**

09.4.01 Fis-27 ta' Diċembru 2024 ser issir ħarġa għal Għawdex. Il-prezz ser ikun ta' €25 il-kbar.

09.4.02 Fil-15 ta' Diċembru 2024 ser issir l-attività ta' Milied f'San Giljan.

09.4.03 Ikla tal-Kunsill ser issir 4 ta' Jannar 2025. Ser ikunu qed jiġu mistiedna wkoll l-Kunsilliera tal-leġislatura l-oħra li m'għadhomx fil-Kunsill.

09.4.04 Ġie deċiż li l-Kunsill ser jagħlaq 26 u 27, 28 ta' Diċembru 2024. Il-Kunsill qabel.

**09.5 Evalwazzjoni tat-Tender;**

09.5.01 L-Aġent Segretarju ressaq l-approvazzjoni għal-evalwazzjoni tat-tender tal-Parks & Gardens u Soft Areas.

09.5.02 Is-segretarju spjega kif l-aktar offerta vantaġġuża kienet tas-Sinjura Natasha Deguara. Il-kumitat tal-evalwazzjoni kien magħmul mis-Sindku s-Sur Guido Dalli, l-Kunsillier Victor Vella u l-Kunsillier Carlo Mifsud, sab li l-applikant ipprovda d-dokumenti kollha neċessarji. Għalhekk il-Kunsill qabel unanimament li tintagħżel l-aktar offerta vantaġġuża.

**09.6 Trasferiment tal-Leave;**

09.6.01 Is-Segretarju ressaq talbiet mingħand l-istaff sabiex jġeddu l-leave li fadlilhom minn din is-sena ghas-sena d-dieħla kif ukoll impjegat jithallas ta' xi leave pendenti li għandu . Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**09.7 Tweġibiet għal-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

09.7.01 Il-Kunsillier Mario Amaira spjega dwar il-faċċata tal-Knisja tal-Balluta, sabiex jiġi rranġat d-dawl tal-Knisja. Iċ-Ċermen ser ikun qiegħed iġib stima oħra. Ir-riklami ta' mal-promenade jridu jitressqu

ħdejn xulxin. Ir-reklami tal-għamara tat-toroq, biex jitressqu viċin xulxin ta' mal-promenade, dan minħabba li qed joħorġu n-nies minn bejniethom. Il-Public convenience speċjalment tat-Tigulio għandhom bżonn jiġu rranġati minħabba l-istat tagħhom. 2 disabled bays ta' quddiem biex jimxu u jiġu fejn it-tigulio. Dan minħabba li dawn qegħdin perikolużi biex taqsam. Spjega dwar il-problema ta' triq Wilġa fejn sfrundat it-triq. Irringrazzja lill-ħaddiem tal-Kunsill tax-xogħol li qed issir.

09.7.03 Is-Sur Max Agius infurmana li ser ikun qed jieħu ħsieb l-area ta' San Giljan rigward Transport Malta. Għalhekk ser issir laqgħa miegħu nhar it-Tlieta 17 ta' Diċembru 2024 fl-10.00a.m.

09.7.04 Nġibdet l-attenzjoni li għandu jitneħħa l-parkeġġ fi Triq Birkirkara fejn hemm ir-railing.

09.7.05 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri ġibdet l-attenzjoni dwar emails li kellhom jintbagħatu iżda ma ntbagħatux. Bagħtet email dwar ir-road markings fi Triq il-Qalb Imqaddsa, fejn ġiet nfurmata li din qeda pending mar-road markings.

09.7.06 Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando staqsa dwar ir-road humps. Ic-Cermen spjega li dawn ser jiġu diskussi waqt il-laqgħa nformali li din ser issir wara l-festi tal-Milied.

09.7.07 Il-Kunsillier Victor Vella nibdew nikkomemraw il-monument tal-gwerra li hemm ħdejn il-Knisja ta' Lapsi. Din issir fl-ewwel ta' Novembru.

**09.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

09.8.01 Il-Kunsill ġie pprezentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 6417 sa 6419 (Ara Appendiċi 'A').

09.8.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**09.9 Skeda tal-Pagamenti**

09.9.01 L-Aġent Segretarju ressaq il-pagamenti tal-kontijiet (Ara Appendiċi 'B').

09.9.02 Il-Kunsillier Mario Amaira ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

09.9.03 Il-Kunsillier Victor Vella ssekondah fl-approvazzjoni.

**09.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

09.10.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 14 ta' Jannar 2025 fil-5.00p.m.

09.10.02 Il-laqgħa ntemmet fid-9.00p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Malcolm Agius Muscat**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

**Data:**